MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2009

Numru 404/2008

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Edmond Cuschieri)**
**(Spettur Robert Vella)**

**vs**

**Masielle Maria Mckay**

Il-Qorti;

Rat li l-imputata Masielle Maria Mckay bint Alfred Mckay u Theresa nee’ Spiteri, imwielda nhar is-17 ta’ Mejju 1988 fil-Pieta’ u residenti Binja Vista Ent. G, Flat 7, Triq Dom Mawru Inguanez, Birkirkara u detentrici tal-karta tal-identita’ numru 237988(M) giet mressqa quddiemha akkuzata talli :

Matul nhar l-14 ta’ Marzu 2008 f’ xi hin wara nofs in-nhar ikkommetta serq ta’ diversi affarijiet tal-merca, mill-fond Kummercjali maghruf bhala ‘Ta Natu Supermarket’ li jinsab gewwa Triq il-Kostituzzjoni ghad-dannu ta’ Giuseppe Vella, liema serq huwa aggravat bil-persuna u dan ai terminu tal-artikoli 261, 268 u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fl-istess lok, data, hin u taht l-istess cirkostanzi bil-hsieb li tikkommetti reat ezercitat dritt li tippretendi li ghandha minghajr il-kunsens tas-sid tal-fond ‘Ta Natu Supermarket’ ta’ Triq il-Kostituzzjoni, Mosta u dan ai terminu tal-artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 6 ta’ Mejju, 2008 sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarilha fis-seduta tat-22 ta’ Jannar, 2009 l-imputata wiegbet li ma kelliex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputata kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar it-22 ta’ Jannar, 2009 ghall-ewwel akkuza migjuba fil-konfronti taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9, u cioe’ wara li l-imputata wiegbet li hija hatja ghall-ewwel akkuza migjuba fil-konfronti taghha, din il-Qorti wissieta b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba taghha u taghta zmien xieraq sabiex jekk trid terga’ lura minnha u l-imputata baqghet tinsisti li tirregistra ammissjoni.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l- imputata ghall-ewwel akkuza migjuba fil-konfronti taghha il-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja ta’ l-ewwel akkuza migjuba fil-konfronti taghha kif minnha ammessa.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fedina penali netta tal-imputata (esebita *a folio* 3 tal-process), l-fatt li hija rritornat ir-refurtiva lil vittma u l-fatt li l-imputata ammettiet l-ewwel akkuza migjuba fil-konfronti taghha fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri.

Ghaldaqstant wara li rat l-Artikoli 261, 268 u 281 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputata hatja tal-ewwel (1) akkuza kif minnha ammessa u b’ applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tilliberaha bil-kundizzjoni li ma tikkommettix reat iehor sa zmien sena (1) millum. Peress illi t-tieni (2) akkuza inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel akkuza, l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess akkuza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------